# Eroj

Weqfin fuq blata kiesħa, samma w kerha
Imutu ħamsin Grieg, wara xulxin,
Irwieħom jinżlu Ħâdes
Fl-egħlieqi tat-twajbin.
Fettxew hemmhekk l-Eroj il-kbar tal-Greċja
Akille u Menelaw w Agamemnôn,
Għax huma sħabhom, ħuthom
Magħhom, qribhom ħassewhom
Fuq blata samma w kiesħa imperrċin.
'Ma donnhom m'għadhomx hemm
Fl-egħlieqi tat-twajbin
L-Erwieħ il-kbar tal-Greċja
Ġellieda w qalbenin.
L-għajta tagħhom tidwi mal-muntanji
U tiġri mal-widien f'Traċċja u f'Tessalja.

A. Calleja
(Student tal-Letteratura)

10—IV—'41.